ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 502**

**It-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Mark Grech – Viċi-Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Roderick Vella – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Julian Paul Scicluna – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Joseph Bonnici – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 502.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

502.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jkun skużat.

## 502.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

502.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 501.10.12, 501.10.13, 501.10.14 u minflok il-kliem "Is-Sur Joseph Buttigieg" jidħol il-kliem "Is-Sur Joseph Agius".

502.2.2 Il-minuti tal-501 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## 502.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

502.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti illi kien inħareġ il-permess tal-*Planning Authority* sabiex isir il-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola u l-proġett tad-*Dog Park.*

502.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-applikazzjoni mal-GAL Xlokk biex isir ix-xogħol ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola kienet ġiet aċċettata u li l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €57,475.56.

502.3.3 Is-Sindku qal illi l-proġett ta' tisbiħ f' Misraħ San Nikola kien intlaqat tajjeb mir-residenti u qal illi kien irċieva talba minn xi individwi biex fil-proġett jiġi nkluż *underground carpark.* Is-Sindku żied jgħid illi dan ma kienx possibbli li jsir peress li l-istima għal tħaffir għal-*underground carpark* kienet tammonta għal madwar €300,000 u li minflok kien ser isir *underground reservoir* tal-ilma sabiex jilqa' l-ilma tal-madwar.

502.3.4 Il-Viċi-Sindku qal illi fil-passat kienet saret mistoqsija parlamentari relatata ma' Misraħ San Nikola u kien intqal illi ż-żona kienet ġiet identifikata bħala *Public Urban Open Space* u li kien hemm *policy* illi tinkoraġixxi lill-Kunsill sabiex isir ġnien pubbliku, żvilupp biss ta' *underground reservoir* taħt il-pjazza, kif ukoll rijabilitazzjoni ta' bini eżistenti għal faċilitajiet anċillari għall-użu rikrejattiv tal-pjazza bħala risposta.

502.3.5 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk fil-proġett ta' Misraħ San Nikola kienx hemm inkluż xogħol ta' restawr fil-bini eżistenti. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv peress illi l-bini kien privat. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex isir bieb fl-arkata

sabiex ma jibqax jintefa aktar skart. Is-Sindku qal illi kien ser jittella' *fence* madwar il-bini li hemm abbandunat.

502.3.6 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill illi fi Triq il-Kbira kien hemm dar abbandunata li wkoll kienet ta' periklu.

502.3.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kienet ser issir il-bankina fi Triq Sant' Antnin. Is-Sindku qal illi din kienet ser tiġi rranġata mill-kuntrattur wara li jitlesta x-xogħol tal-kostruzzjoni.

502.3.8 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara l-minuti tal-Laqgħa Annwali Pubblika li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru, 2018.

**502.4 Estimi annwali 2019**

502.4.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq l-Estimi Annwali għas-sena finanzjarja 2019. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

502.4.2 Inqraw rapport u ittra li l-Kunsill irċieva mis-Sur Kevin Seguna u mis-Sur Raymond Seguna dwar inċident li allegatament seħħ fi Trejqet Wied ta' Mazza, fejn talbu kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li għamlu fil-mutur kif ukoll li jingħata kumpens lis-Sur Raymond Seguna għall-ispejjeż relatati mat-tabib, pirmli u għall-flus kollha li tilef minħabba li ma setax imur għax-xogħol. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li ma jaċċettax responsabbiltà għal dan l-inċident u li tintbgħat ittra legali bħala risposta.

**502.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

502.5.1 Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Roderick Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 ta' Novembru 2018 u s-17 ta' Diċembru 2018 li kienet tammonta għal €37,696.17.

502.5.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2018 li kien jammonta għal €68.62.

**502.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

502.6.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-20 ta' Diċembru kien ser jorganizza *Christmas Lunch Buffet* għall-anzjani.

502.6.2 Is-Sur John J Pace qal illi fil-21 ta' Diċembru li ġej kienet ser tiġi organizzata l-attività Merħba lix-Xitwa fis-Sala tal-Kunsill.

502.6.3 Is-Sur Joseph Vella ressaq quddiem il-Kunsill ilment li kien irċieva mingħand ir-residenti li joqgħodu fl-inħawi ta' Triq ix-Xgħajra maġenb Triq il-Kapuċċini u Triq Lia dwar problema ta' *parking.* Is-Sur Vella talab lill-Kunsill jikteb formalment lid-Dipartiment tal-Artijiet u jistaqsi jekk l-art li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kapuċċini hix pubblika, dan peress illi kien hemm individwu li qed jikkappara din l-art. Is-Sur Vella żied jgħid li f'każ illi l-art hija pubblika, il-Kunsill għandu jitlob għad-devoluzzjoni tal-art u jagħmel *parking area*.

502.6.4 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienx ser isir ix-xogħol ta' kostruzzjoni ta' *central strip* fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq l-Kapuċċini. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol kien mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin.

502.6.5 Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kinitx inħarġet is-sejħa għall-offerti dwar iż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi s-sejħa kienet ser tinħareġ fil-ġimgħat li ġejjin.

502.6.6 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jirranġa l-*culverts* tal-ilma tax-xita fi Triq il-Kbira peress illi kienu qed iħabbtu. Is-Sindku żied jgħid illi kienu saru żewġ *culverts* ġodda sabiex tittaffa l-problema tal-għargħar fi Triq il-Kbira.

502.6.7 Il-Viċi-Sindku qal illi l-*culverts* eżistenti li hemm fi Triq il-Kbira ma kienux biżżejjed biex jilqgħu l-ilma tax-xita li jinżel mill-*area* tal-Biċċieni u semma l-ħtieġa li jsiru *culverts* ġodda fi Triq il-Kunvent.

502.6.8 Fis-6.50 ta' filgħaxija s-Sur Julian Paul Scicluna daħal għal-laqgħa u s-Sur John J Pace talab li jkun skużat.

502.6.9 Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilmenti li kien irċieva mir-residenti dwar Triq Ħas-Sajjied u qal illi fil-parti int u ġej minn Triq Santa Marija kien hemm rampa għolja u t-trakkijiet kienu qed jieħdu skoss meta jgħaddu minn fuq din ir-rampa. Is-Sur Buttigieg qal illi kien hemm sid ta' għalqa u kien qed jallega li kienu nbidlu l-livelli tat-triq u li sar tibdil fil-qlib tal-ilma tax-xita peress illi l-ilma kien qed jaqa' kollu fl-għalqa tiegħu. Is-Sindku qal illi l-livelli ma kienux inbidlu u li l-Kunsill kien qabbad *surveyor* jieħu l-livelli tat-triq qabel ma nbeda x-xogħol.

502.6.10 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fis-17 ta' Jannar, 2019 kienet ser issir ħarġa għall-anzjani.

502.6.11 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jitwaħħal zokk ma' uħud mis-siġar li kienu tħawwlu fi Triq tal-Labour biex jagħti *support* lis-siġar. Is-Sur Buttigieg talab li jiġi rranġat l-*irrigation* tal-ilma li hemm fi Triq tal-Labour.

502.6.12 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kull darba li kienet qed tagħmel ix-xita fi Triq il-Farfett tal-Fejġel kien qed ifur id-drenaġġ ~~quddiem ir-residenza~~ u qed jidħol l-ilma fir-residenza' Toniana. (Emendati)

502.6.13 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kinitx ħarġet is-sejħa għall-offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

502.6.14 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jinqata' il-ħaxix fi Triq San Ġużepp.

502.6.15 Is-Sur Roderick Vella talab li jinqata' il-ħaxix ħażin li hemm fi sqaq fi Triq il-Kapuċċini.

502.6.16 Is-Sinjura Anna Calleja rreferiet għaċ-ċirkulari numru *SPI* 13/2018 dwar il-ħruġ ta' permessi għal depożitu ta' krejn jew makkinarju ieħor u staqsiet jekk il-permess għall-tqegħid ta' makkinarju kienx jintilef f'każ li tagħmel ix-xita. L-Aġent Segretarju wieġeb fil-pożittiv u qal illi f'dak il-każ ikun irid isir permess mill-ġdid.

502.6.17 Is-Sur Joseph Agius talab li l-Kunsill japplika għall-fondi ewropej taħt il-Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta sabiex jiġi rranġat ħajt tas-sejjiegħ fi Triq il-Ħawt. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien applika għall-massimu tal-fondi disponibbli taħt din l-iskema. Is-Sur Agius issuġġerixxa li ~~ħajt tas-sejjiegħ jittella' mill-Kunsillieri~~ tiġi organizzata *clean up* u jittella l-ħajt tas-sejjieħ. (Emendati)

502.6.18 Is-Sur Joseph Agius semma l-ħtieġa li jiġu rranġati l-ispralli tad-drenaġġ li hemm fi Triq is-Santwarju minn Misraħ San Nikola sa ħdejn ir-*roundabout* fejn hemm il-Monument ta' Agatha Barbara peress illi kienu qed iħabbtu.

502.6.19 Is-Sur Joseph Agius reġa' talab sabiex jingħata wiċċ ġdid fi Trejqa San Ġorġ Preca u semma l-ħtieġa li jinqata' il-ħaxix ħażin li hemm f'dan l-isqaq.

502.6.20 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar l-attività li ġiet organizzata miż-żgħażagħ fi ħdan il-parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fit-13 u fl-14 ta' Diċembru 2018 u qal illi kien irċieva kritika relatata mat-trasport pubbliku peress illi kienet ingħalqet it-triq u ma kinitx twaħħlet notifika mal-*bus stops* li ma kinitx ser tgħaddi l-karozza tal-linja. Il-Viċi-Sindku talab biex f'każ li terġa' issir attività simili l-Kunsill jieħu ħsieb iwaħħal in-notifiki mal-*bus stops* u javża fuq il-midja soċjali tal-Kunsill.

## 502.7 Mozzjonijiet; u

502.7.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

## 502.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

502.8.1 Il-laqgħa spiċċat fit-7.15 ta’ filgħaxija.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-503 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta’ Jannar, 2018.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku